MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR.

## PAUL COPPINI

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2014

Avviz Numru. 3/2014

**Portelli Joseph**

**vs**

**Avukat Dottor Jean Paul Grech nomine**

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu Joseph Portelli talab lil konvenut nomine jgħid għaliex m'għandux iħallas lill-attur is-somma ta' ħamest elef ewro (€5000) rappreżentati s-somma ta' flus imħallsa

indebitament għal xiri ta' makkinarju, liema makkinarju, minkejja d-depożitu mħallas, baqa' qatt ma wasal Malta, fil-fatt in-negozju intier ma kien xejn għajr att ta' frodi da parti tiegħu.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn iddikjara li huma m'huwiex edott mill-fatti li taw lok għal din il-kawża u għalhekk mhux f'posizzjoni li jissolleva l-eċċezzjonijiet kollha applikabbli skont il-liġi. Qal ukoll li difatti fil-preżent huwa m'għandux indirizz, numru tat-telefon jew *email* li jistgħu jippermettulu li jagħmel kuntatt ma Giovanni Severini u jiġbor l-informazzjoni kollha relattiva għal dan il-każ.

Rat ukoll in-nota tal-istess konvenut nomine li ġġib id-data tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru elfejn u erbatax (2014), fejn l-istess Dr. Jean Paul Grech nomine ddikjara li huwa pprova jagħmel kuntatt permezz tat-telefon ċellulari mal-konvenut pero' dan baqa' ma weġibx.

Semgħet lill-attur fl-udjenza ta' llum jikkonferma l-avviż u dak li jiġi dikjarat miegħu, jikkonferma wkoll li sal-lum l-intimat la rritornalu l-flus u wisq anqas ma huwa kkonsenja l-makkinarju li kien ordna mingħandu.

Il-Qorti, għalhekk u peress li jidhrilha li t-talba attriċi hija ġustifikata, tilqa' l-istess talba u tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' ħamest elef ewro (€5000), rappreżentanzi l-flus mħallsa indebitament mill-istess attur, bl-ispejjeż kontra l-intimat nomine.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------